# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tat-Tnejn, 12 ta' Ottubru 2020

## Talba Numru 88/2020SFJ

## *Concorde International Freight Forwarders Limited (C11393)*

## *vs.*

## *Cedric Bartolo eżerċenti l-kummerċ CK Construction*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2020 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

- Illi s-soċjetà rikorrenti kienet ġiet ingaġġata sabiex tipprovdi servizzi ta' ġarr ta' merkanzija fuq struzzjonijiet tal-konvenut stess, liema servizzi kienu jammontaw għal elf u tmien mija u erbgħa u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1,884.85), liema ammont baqa' ma tħallasx mill-konvenut nonostante li s-soċjetà attriċi pprestat is-servizzi tagħha u nonostante interpellazzjoni;

- Illi għaldaqstant, it-Tribunal intalab jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet sopra-indikati, jikkundanna lill-istess konvenut iħallas l-ammont sopra-indikat lis-soċjetà attriċi u jordnalu jħallashom lill-istess soċjetà

attriċi, u dan l-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut li kien inġunt għas-subizzjoni.

Ra l-*invoice* annessa mal-Avviż tat-Talba, li kienet datata 29 ta' Novembru 2019.

Ra l-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Settembru 2020 fejn ġie ivverbalizzat li l-konvenut ippreżenta nota ta' ammissjoni seduta stante u li l-istess nota kienet ġiet ippreżentata wkoll fir-Reġistru.

Ra l-istess nota ta' ammissjoni kif ippreżentata fir-Reġistru nhar it-28 ta' Settembru 2020 u ra li permezz tagħha, il-konvenut ammetta t-talbiet imressqa fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidra li għalhekk, it-talba ma tinsabx opposta mill-konvenut, iżda ammessa.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess soċjetà attriċi s-somma ta' elf u tmien mija u erbgħa u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1,884.85).

It-Tribunal jordna li l-interessi relattivi għandhom jiddekorru mid-data tal-*invoice* relattiva, jiġifieri mid-29 ta' Novembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**